MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru 481/2007

Il-Pulizija
(Spett Jesmond Borg)

vs

David Shephard

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 216446m, akkuzat, talli fis-26 ta' April 2007 ghal habta tal-10.20 ta' filghaxija gewwa Triq il-Gizi, Fgura, volontarjament ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Toyota, mudell Vitz, ta' lewn dehbi, numreu ta' registrazzjoni TFH 890, liema hsara ma tiskorriex l-Lm500 imma tiskorri l-Lm50, ghad-dannu ta' Sarah Craig mill-

Fgura u persuni ohra u dana bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9;

Wkoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

Il-Qorti mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghas-sigurta' tal-persuni fuq imsemmija.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi d-danni meritu l-kawza jirreferu ghal data specifika li allegatament saru fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFH-890. Is-sosteniment tal-akkuza tad-danni da parti tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fix-xhieda ta' missier id-dannegjata u fotogrammi mehuda minn filmat li wkoll jinsab esebit f'dawn l-atti. Dwar id-danni 'ut sic' dawn jidhru fir-ritratti esebiti, apparti mill-fotogrammi, u jikkonsistu fi brixx tul in-naha tal-lemin tal-vettura meritu dawn il-proceduri li tappartjeni lil bint Anthony Craig. Dan Anthony Craig xehed f'dawn il-proceduri u stqarr, testwalment riprodott, illi:- (b'referenza ghall-imputat) "Rajtu f'nofs it-triq u nispiega wkoll illi t-triq hija sens uniku u l-imputat kien niezel faccata minn fejn setghu jitilghu l-karozzi. F'hin minnhom waqaf f'nofs it-triq u hares lura. Dam ftit sekondi jhares lura, dar, rega beda miexi 'l isfel u hawnhekk nispiega illi kien allura dirett lejn fejn kien hemm id-dar tieghu u hemmhekk innutajt illi minflokk baqa' niezel minn nofs ha direzzjoni djagonali sakemm gie

quddiem il-karozza tat-tifla u hemmhekk rajtu jobrox. Mitsoqsi jekk rajtlux xi haga f'idejh nighd illi ma stajtx minhabba t-tul li kien hemm. Mitsoqsi jekk it-triq kinitx mixghula, nghid illi iva, fil-fatt fejn kienet ipparkeggjata l-vettura hemm bozza tal-Gvern. Jiena hawnhekk nighid illi lill-imputat tant rajtu jobrox fil-fond li meta beda jimxi u jobrox fl-istess hin, idejh, peress illi l-grif kien profound, idejh kien ihalliha lura..". Intant, l-imputat cahad l-addebitu u kien kostanti fic-cahda tieghu sa mill-bidu nett.

Wara li l-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi u ikkunsidrat:
(a) li l-uniku fatt cert huwa l-grif li jidher minn fuq ir-ritratti esebiti li dwarhom pero' jonqos ix-xhieda ta' minn hadhom u meta ghalkemm fuq it-tergo ta' sett minnhom hemm id-data indikata;
(b) li l-provi xejn m'huma cari dwar il-fatt li kien l-imputat l-artefici tad-danni u dan kemm mill-fotogrammi, l-filmat u anka mix-xhieda tal-imsemmi Craig li fil-kors taghha irrikonoxxa li kien hemm distanza bejnu u l-imputat;
mhux qeghdha tirrijavvisa kif fuq il-provi li hemm tista' issib reita' fl-imputat minghajr xi prova cara u univoka. Isegwi, konsegwentement, li anka t-tieni akkuza ma treggix.

Ghalhekk, qeghdha ssib l-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------